A.L. 11 ta' l-1985

ORDINANZA TA' L-1959 DWAR SELF LOKALI ('STOCK' U TITOLI REĠISTRATI)

BDIL TA' 'STOCK'

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi u tad-Dwana għall-Bdil ta' Lm1,000,000 6¼% 'Stock' Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1984-85

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 31 (a) ta' l-Ordinanza ta' l-1959 dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati) id-Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi u tad-Dwana iddikjara li Lm1,000,000 6¼% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1984-85 li għandu jitħallas lura fit-30 ta' Ġunju, 1985, jista' jinbidel fi *stock* reġistrat li joħroġ skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza.

Skond l-artikoli 31 (b) u 32 ta' l-imsemmija Ordinanza l-Ministru awtorizza wkoll, li għall-bdil ta' Lm1,000,000 6¼% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1984-85, għandu jiġi maħluq u maħruġ *Stock* Lokali Reġistrat (Bdil) għall-Iżvilupp 1990 bis-6½% kif ġej:

Mod tal-ħruġ ta' l-*istock*.

1. (a) L-i*stock* jiġi maħruġ bil-prezz ta' Lm100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni. Meta jitħallas għal kollox l-i*stock* jiġi reġistrat. Applikazzjonijet għall-għoti ta' l-i*stock* għal dawk li diġà għandhom 6¼% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1984-85 jiftħu fid-9 ta' fil-għodu t-Tnejn, is-6 ta' Mejju, 1985 u jagħlqu fl-4.00 p.m. tal-Ġimgħa, l-24 ta' Mejju, 1985.

(b) Applikazzjonijiet mingħand il-pubbliku ġenerali għall-bilanċ li jibqa' mhux mittieħed mill-i*Stock* Lokali Reġistrat (Bdil) għall-Iżvilupp 1990 bis-6½% jintlaqgħu t-Teżor, bejn id-9 ta' fil-għodu tat-Tnejn, l-10 ta' Ġunju, 1985 u s-1.00 p.m. tal-Ġimgħa, il-21 ta' Ġunju, 1985, jew qabel jekk l-i*stock* jittieħed kollu, fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Somma ta' flus li għandha tingħabar.

2. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*stock* tkun ta' Lm1,000,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

3. L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fit-30 ta' Ġunju u fit-30 ta' Diċembru ta' kull sena matul il-kors ta' l-i*stock*. L-ewwel ħlas ta' Lm3.25,0 kull Lm100 *stock* relattivament għall-perijodu bejn it-30 ta' Ġunju, 1985 u d-29 ta' Diċembru, 1985, għandu jsir fit-30 ta' Diċembru, 1985.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament

4. Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm18,250 mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament sabiex jifdi l-i*stock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir fi żmien sena mit-30 ta' Ġunju, 1985.

Fidwa ta' l-i*stock*.

5. L-i*stock* għandu jiġi mifdi b'parità f'dik id-data bejn l-1 ta' Jannar, 1990 u l-31 ta' Diċembru, 1990 (iż-żewġ dati magħdudin), kif jiġi stabbilit mill-*Accountant Generat* u avżat fil-Gazzetta. L-i*stock* jiġi mifdi biss mal-konsenja taċ-ċertifikat ta' l-i*stock* maħruġ.